MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 961/2012

**N. Calleja Trading Enterprises Limited**
**( C – 16998)**

**vs**

**MK Leisure Limited**
**( C – 36713)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat il-25 ta’ Settembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti timporta u tbiegh prodotti tal-ikel;

2. Illi skont l-l“*statement of account”* kif korrett bin-nota ta’ riduzzjoni pprezentata in atti fil-21 ta’

Novembru, 2012, is-socjeta` ntimata ghandha taghti lil dik rikorrenti l-ammont ta' sbatax –il elf, sitt mija u tmien Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€17,608.32), (ara fol 97 *et sequitur*), bilanc minn somma akbar ghal prodotti tal-ikel mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta` ntimata fuq ordni taghha stess;

3. Illi nonostante li s-socjeta` ntimata giet interpellata diversi drabi biex thallas l-ammont dovut, baqghet inadempjenti;

4. Illi stante li l-ammont hu cert, likwidu u dovut, il-procedura *de quo* giet intavolata *ai termini* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi ghaldaqstant, l-istess socjeta` rikorrenti talbet lil din il-qorti biex:

i. Tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh skont il-ligi;

ii. Tiddikjara lis-socjeta` ntimata fuq indikata hi debitrici tas-socjeta`rikorrenti fl-ammont fuq indikat u dan, f'bilanc minn somma akbar ghall-prodotti mibjugha u kkonsenjati lilha fuq ordnijiet taghha stess;

iii. Tikkundanna ghalhekk lis-socjeta` ntimata thallas l-imsemmi ammont lis-socjeta` rikorrenti;

iv. Bl-ispejjez, kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data ta' kull fattura sal-effettiv pagament;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-ammont kif ridott pretiz mis-socjeta` rikorrenti jirrigwarda diversi konsenji ta' prodotti kkonsenjati lis-socjeta` ntimata fuq ordni taghha stess kif jirrizulta mid-diversi fatturi esebiti;

2. Illi di piu`, l-istess rizultanza hi debitament ammessa mill-"*accountant*" responsabbli mill-istess socjeta` ntimata kif jirrizulta mid-depozizzjoni tieghu;

3. Illi ghalhekk, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, wara li semghet il-procedura odjerna bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikolu 167 *et sequitur* kif mitluba:

i. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sbatax –il elf, sitt mija u tmien Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€17,608.32);

ii. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

iii. Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur in dizamina, bl-imghaxijiet skont il-ligi kif mitlub sal-effettiv pagament.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------